MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1003/2000/1

**Vastek International Limited**

**Vs**

**Engineering and Technology Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, tliet mija u wiehed u hamsin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm21,351.45,0) rappresentanti l-prezz ta' xoghlijiet u materjali relattiv maghmul u fornit lis-socjeta' konvenuta, fuq ordnijiet tar-rappresentanti taghha skond il-prospett hawn anness markata Dok.A;

Premess illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet diversi drabi interpellata anke b’ittra ufficjali, biex thallas, baqghet inadempjenti.

Premess illi l-kreditu tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ Lm21,351.45,0 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta’ attrici, s-socjeta’ konvenuta ma ghandha ebda difisa valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta’ dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta’ Saviour Vassallo, ir-rappresentant tal-Bank attur, hawn anness Dok..X ;

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Taghti s-sentenza u tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikolu 167-170 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u

2. Tikkundanna minnufih lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ Lm21,351.45,0 dovuta kif intqal fuq.

Bl-ispejjez legali mill-24 ta’ Marzu, 1997 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-24 ta’ Marzu, 1997 tal-5 ta’ Jannar ,1998, tat-12 ta’ Frar, 1999 u tal-4 ta’ April, 2000.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Saviour Vassallo bhala direttur, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta** a fol. 14 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi s-somma ta’ sebat elef tlett mija u hdax il-lira Maltija (Lm7,311.08) qed tigi ammessa bhala dovuta.

2. Illi t-talbiet attrici relattivament ghal bilanc huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-somma ta’ sebat elef hames mija disa u

tletin lira u erba' u ghoxrin centezmu (Lm7,539.24) mhux dovuta billi il-korrispettiv tieghu qatt ma gie konsenjat, filwaqt li s-somma ta' sitt elef hames mija u lira u tlettax il-centezmu (Lm6,501.13) ghadha ma gietx certifikata, a rigward ta' accettazzjoni mill-awtoritajiet governattivi, sia a rigward bhala materjal supplit u xoghol maghmul u sia bhala prezz.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

4. Illi s-socjeta' eccipjenti qed tipprevalixxi ruhha mit-talbiet attrici sabiex taghmel il-kontro-talba taghha.

Rat **il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta** a fol. 16 tal-process fejn ippremettiet;

Premess illi s-socjeta' konvenuta ordnat minghand is-socjeta' attrici rikonvenzjonata apparat divers tal-elettriku, inkluz u *"pump control panels"* u *"auto transformer starters*".

Premess illi s-socjeta' attrici installat l-istess apparat fil-New Pumping Station, Xemxija, flimkien ma apparat iehor provdut mis-socjeta' konvenuta.

Premess illi fit-13 ta' Novembru, 1996, okkorra incident ta' burnout fil-150KW Drainage Pump Electric Motor u l-istarter assocjat maghha.

Premess illi l-istess incident issuccieda minhabba l-apparat u materjal provdut mis-socjeta' rikonvenzjonata, inkluz li ma kienx ta' materjal pattwit, ma nhadmux skond l-arti u s-sengha, mhux tas-ispecifikazzjoni rikjesta ghall-apparat assocjat mieghu u ghal x'hiex kien intiz kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Premess illi s-socjeta' konvenuta sofriet danni konsegwenza n-nuqqas tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata.

Premess illi ghalkemm interpellat sabiex taddivjeni ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni, hija baqghet inadempjenti.

Illi socjeta’ konvenuta rikonvenzjonata talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li s-socjeta’ attrici hija responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ konvenuta.

2. Jigu likwidati d-danni sofferti mis-socjeta’ konvenuta occorrendo permezz ta’ perit nominandi.

3. Tigi kundannata thallas dik is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici rikonvenzjonata mill-lum ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta a fol. 18 tal-process.

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ attrici** ghall-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta a fol. 21 fejn eccepiet:

1. In kwantu l-pretensjonijiet tas-socjeta’ konvenuta huma bazati fuq l-allegazzjoni li l-apparat u l-materjal provdut ma kienux tal-kwalita’ pattwita (a) ir-rimedju taghha kien jew li ma taccettax l-istess u titlob id-danni jew li taccettah u titlob riduzzjoni fil-prezz. Is-socjeta’ konvenuta ma talbitx dawn ir-rimedji u ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu michuda; (b) L-azzjoni hija preskritta a termini tal-Artikolu 1407 tal-Kap.16.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, fit-tieni lok it-talbiet tas-socjeta’ konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha billi l-apparat u materjal provdut mis-socjeta’ attrici kienu ta’ kwalita’ tajba u skond il-ftehim u l-ispecifikazzjoni rikjesta ghall-apparat assocjat mieghu u x-xghol maghmul sar skond il-ligi u s-sengha kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

**KONTESTAZZJONI.**

Illi s-**socjeta' attrici qed titlob** minghand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' Lm18,688.05 rapprezentanti l-prezz ta' xoghlijiet u materjal relattiv maghmul u fornit lis-socjeta' konvenuta fuq ordna taghha skond ma jirrizulta mill-prospett anness mac-citazzjoni (a fol. 6). L-ammont mitlub mis-socjeta' attrici u ndikat fil-prospett bhala l-bilanc dovut gie fil-fatt **ridott** (ara fol. 30) wara l-prezentata tac-citazzjoni ghas-somma appena ndikata peress li gew imnaqqsa xi *commissions* li kienu dovuti lis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta tammetti li parti mill-ammont mitlub huwa effettivament dovut izda ssostni wkoll li l-bilanc m'huwiex dovut stante li parti minnu jirrigwarda prezz ta' materjal li qatt ma gie konsenjat u l-parti l-ohra tiirigwarda materjal u xoghlijiet li ma gewx accettati mill-awtoritajiet governattivi koncernati u cioe' mid-Drainage Department.

Is-socjeta' konvenuta ghamlet **talba rikonvenzjonali** fejn talbet li s-socjeta' attrici tigi kkundannata thallasha d-danni allegatament sofferti minnha bhala konsegwenza ta' incident ta' burnout li sehh fit-13 ta' Novembru,1996 fil-150KW Drainage Pump Electric Motor u l-istarter assocjat mieghu stante li tirritjeni li l-materjal u l-apparat provdut mis-socjeta' attrici ma kienx tal-kwalita' pattwita u ma nhadimx skond is-sengha u l-arti u ma kienx ta’ l-ispecifikazzjoni rikjesta ghall-apparat assocjat mieghu u ghal x’hix kien intiz. Is-socjeta' konvenuta ghalhekk talbet li jigu likwidati dawn id-danni li waqt it-trattazzjoni tal-kawza ndikat bhala ammontanti ghas-somma ta' Lm3,500.00.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### Kontrotalba

Il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra din it-talba rikonvenzjonali tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici gjustament irriteniet li din it-talba hija legalment improponibbli. Il-Qrati Taghna f'diversi okkazzjonijiet irritenew li jekk il-venditur jikkonsenja haga li m'hijiex tal-kwalita’ pattwita l-kompratur jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew

altrimenti li jirceviha bi tnaqqis fil-prezz fuq stima ta' periti u li din l-azzjoni hija preskrivibbli b'eghluq ta' sentejn mill-bejgh (**ara Emanuel Borg vs John Xuereb App. Civ. 25 ta' Jannar 1989 Vol LXX111 p 260, u Andrew Camilleri et nomine vs Daniel Edwin Sayles Prim'Awla 27.6.03).**

F'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-**28 ta' Gunju, 2001 fil-kawza fl-ismijiet J. C. Hydraulics Limited vs Waste Control Services Limited** fejn giet proposta talba rikonvenzjonali ghad-danni identika fin-natura taghha ghal dik proposta mis-socjeta' konvenuta fil-kawza odjerna l-Qorti qalet is-segwenti:-

*"Illi ghalhekk jirrizulta li l-kontro-talba kif inhi imposta ma ghandha ebda bazi guridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux jintlaqghu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgh, fejn l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skond l-artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita abbazi tal-artikolu 1390 tal-Kap 16".*

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **"Nadia Cassar et vs Charles Pace noe" (K. JDC. 13 ta' Marzu, 1995),** fejn inghad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodici Civili taht it-taqsima 2 titolu 6 sub-titolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan abbazi tal-insenjament maghmul fis-sentenza **"Scicluna vs Scerri" (K. 16 ta' Jannar, 1958 - XLII.ii.855),** fejn inghad illi: '*l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli specjali li ghandhom ghalhekk jipprevalu ghad-disposizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-ligi.'*

Illi fl-istess sens hija s-sentenza fl-ismijiet "Anthony McKay vs Alfred Cassar" (K. (JF) 10 ta' Dicembru, 1992), fejn gie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minflok l-actio aestimatoria u/jew redhibitoria jew l-azzjoni skond l-artikolu 1390."

Stabbilit li t-talba rikonvenzjonali tas-socjeta' konvenuta hija legalment improponibbli m'huwiex necessarju li din it-talba tigi kkunsidrata ulterjorment fil-mertu izda l-Qorti tirrileva li fi kwalunkwe kaz is-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova dak sostnut minnha mill-lat fattwali fil-kontro-talba stante li r-rapport tal-Professur Joseph Aguis anness mal-affidavit ta' Paul Farrugia (esebit a fol. 58 et seq. tal-process) ma giex konfermat bil-gurament mill-istess Profs. Aguis u ghalhekk ma jikkostitwiex prova tal-kontenut tieghu. F'dan ir-rigward issir referenza ghal sentenza ta' din Qorti kif diversament presjeduta tal-**14 ta' Novembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet L-Avukat Dr. Jose' A. Herrera nomine vs Alfred Pace et nomine** fejn f'kaz ta' dokument mhux ikkonfermat minn min irredigieh il-Qorti ghamlet referenza ghal sentenza tal-**Qorti tal-Appell tad-19 ta' Ottubru 1983 fil-kawza fl-ismijiet Xuereb vs Callus** fejn gie stabbilit li jekk id-dokument esebit ma jigix ikkonfermat bil-gurament "*ma jiswiex bhala prova tal-kontenut tieghu*".

Illi ghall-istess ragunijiet imsemmija fil-paragrafu precedenti l-Qorti tiddeciedi li jkun inutili li tigi kkunsidrata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' attrici fil-konfront tal-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta.

**Talba attrici**

Determinata l-kwistjoni ta’ l-improponibilita' tal-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, il-Qorti ser tghaddi issa biex tikkunsidra t-talba attrici u l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta fil-konfront ta' din it-talba.

Kif intqal aktar il-fuq is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' Lm18,688.05 u s-socjeta' konvenuta qed teccepixxi li dan l-ammont m'huwiex dovut minnha fl-intier tieghu ghaliex parti minnu jirrigwarda prezz ta' materjal u xoghol li ma giex accettat mill-awtoritajiet governattivi koncernati u parti ohra tiirigwarda merci jew appparat li qatt ma gie kkonsenjat lilha.

**Inkonsistenza fl-ammonti**

Jinghad mill-ewwel li s-socjeta' konvenuta kienet ghal kollox inkonsistenti fl-indikazzjoni ta' l-ammonti, fis-sens li tul il-proceduri hija bidlet l-ammonti li huma ammessi bhala dovuti minnha u dawk li jirrigwardaw merkanzija mhux konsenjata ghal aktar minn darba. Jekk wiehed jezamina n-nota prezentata mis-socjeta konvenuta (a fol. 8 tal-process) isib li hija indikat l-ammont li huwa ammess bhala dovut fis-somma ta' Lm5,145.98 u l-ammont ta' Lm9,704.34 bhal l-korrispettiv ta' materjal, prodott u xoghol li qatt ma gie suppplit jew konsenjat. Fin-nota tal-eccezzjonijiet (fol. 14) minn naha l-ohra l-ewwel ammont gie ndikat fis-somma ta' Lm7,311.08 filwaqt li t-tieni ammont gie nidkat fis-somma ta' Lm7,539.24. Fix-xhieda moghtija fit-28 ta' Jannar, 2002 Paul Farrugia, ir-rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta rega' varja dawn l-ammonti u ghad-domanda "Jigifieri skond int kemm ghandek taghti?" rrisponda "Lm13,800 bil-VAT jew inkella Lm9,401.00." In kwantu jirrigwarda l-ammont allegatament mhux dovut stante li ma kienx hemmm accettazzjoni da parti tal-awtoritajiet governattivi dan gie ndikat fis-somma ta' LmLm6,501.13 fin-nota esebita a fol. 8 u fin-nota tal-eccezzjonijiet, u bhala Lm5,000.00 fix-xhieda ta' Paul Farrugia tat-28 ta' Jannar, 2002.

Fir-rendikont imhejji minn Robert Pullicino (a fol. 53) l-ammont li huwa dovut mis-socjeta' konvenuta gie ndikat bhala Lm9,401.91. Il-Qorti hi tal-fehma li dan ir-rendikont m'ghandux jittiehed in konsiderazzjoni stante li dan ix-xhud *ex admissis* jghid li fil-mument li huwa hejja dan ir-rendikont huwa ma kellux access ghall-*accounts* tas-socjeta' konvenuta u jghid ukoll li huwa wasal ghal figura ndikata f'dan ir-rendikont esklussivament abbazi ta' dokumenti li gew mghoddija lilu minn Paul Farrugia. Is-socjeta' konvenuta esebiet ukoll prospett (a fol. 48) izda jrid jigi rilevat in kwantu jirrigwarda dan id-dokument, li huwa prattikament impossibbli tifhem jew tasal ghal xi konkluzjoni dwar il-kontenut tieghu.

Is-socjeta' konvenuta ssostni li din il-Qorti ghandha tistrieh fuq l-ammonti ndikati fin-nota tal-eccezzjonijiet stante li dawn gew korroborati mix-xhieda ta' Robert Pullicino u

Paul Farrugia. Kif spjegat fil-paragrafu precedenti mhux talli dawn il-figuri ma gewx korraborati minn Paul Farrugia u Robert Pullicino izda l-figuri gew varjati kontinwament tul l-andament tal-kawza. Inoltre skond il-provi l-Qorti tikkonkludi li l-ammont ta' Lm7,311.08 qed jigi ammess bhala dovut mis-socjeta' konvenuta u li l-ammont ta' Lm6,501.13 jirrrigwarda dak il-materjal u xoghlijiet li s-socjeta' konvenuta qed tallega li m'huwiex dovut minnha stante li ma kienx hemmm accettazzjoni ta' dan ix-xoghol u materjal da parti tad-Dipartiment tad-Dranagg.

*Ammont mhux certifikat*

In kwantu jirrigwarda dan l-ahhar ammont u l-eccezzjoni sollevata mis-soceta' konvenuta fir-rigward, l-Qorti tirritjeni li din l-eccezzjoni hija insostenibbli. Bhala stat ta' fatt is-socjeta' attrici rnexxielha tippprova li l-korrispettiv f'prodott, materjal u xoghol effettivament gie konsenjat u effetwat minnha lis-socjeta' konvenuta u kif ordnat minnha.

Issa gjaladarba s-socjeta' konvenuta qed tallega li dan l-ammont m'huwiex dovut minnha stante li ma kienx hemm id-debita awtorizzazzjoni jew accettazzjoni mill-awtoritajiet governattivi koncernati kien jispetta lilha li tipprova li kien jezisti ftehim specifiku bejn il-partijiet f'dan is-sens u sussegwentement li tali accettazzjoni ma sehhitx.

Is-socjeta' konvenuta ma rnexxielha tipprova xejn minn dan kollu. Il-pagamenti akkont effetwati minnha anzi jindikaw li m'huwiex plawzibbli li kien jezisti dan it-tip ta' ftehim ghaliex altrimenti l-pagamenti kienu jsiru fir-rigward ta' kull fattura partikolari u mhux akkont ta' varji fattturi, kif fil-fatt sar. Inoltre ir-rapprezentant tad-Drainage Department, Joe Spiteri, li xehed fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2003 bl-ebda mod ma accenna li kien hemm xi xoghol jew materjal provdut li kien difettuz u li ma giex accettat mid-Dipartiment. Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi li s-socjeta' konvenuta m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tirrifjuta li thallas lis-socjeta' attrici dan l-ammont ta' Lm6,501.13.

**Materjal mhux konsenjat**

Jibqa' illi tigi kkunsidrata l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta in kwantu jirrigwarda l-bilanc mitlub mis-socjeta' attrici, u cioe' dik il-parti li s-socjeta' konvenuta qed issostni li m'hijiex dovuta stante li l-korrispettiv f'materjal u prodott ma giex lilha konsenjat.

Kif spjegat aktar il-fuq is-socjeta' konvenuta varjat din il-figura diversi drabi u meta giet mitluba tindika b'mod preciz liema kienu dawk il-fatturi riportati fil-prospett tas-socjeta' attrici li kienu jirrigwardaw merkanzija li ma gietx konsenjata lilha, hija naqset milli taghmel dan.

Is-socjeta' konvenuta effetwat diversi pagamenti akkont tal-varji fatturi ndikati fil-prospett prezentat mis-socjeta' attrici dan iffisser li l-apparat indikat f'dawk il-fatturi gie konsenjat ghaliex altrimenti wiehed ma jhallasx pagament akkont ta' fattura meta l-merkanzija ndikata f'dik il-fattura ma gietx konsenjata lilu. Inoltre jrid jigi rilevat li s-socjeta' konvenuta apparti l-fatt li qatt ma ndikat b'mod preciz liema kienu dawk l-oggetti li ma gewx konsenjati, bidlet il-verzjoni tul l-andament tal-kawza u qalet li parti mill-ammont mitlub m'huwiex dovut peress li l-prodotti in kwistjoni kienu *overpriced* b'30% (ara affidavit ta' Paul Farrugia a fol. 56 et seq.), haga li *del resto* ma rnexxilhiex tipprova.

**Konkluzzjoni**

Ghar-ragunijiet premessi l-Qorti tirrritjeni li t-talbiet atttrici jirrizultaw sodisfacentement pruvati u ghandhom jintlaqghu u li t-talba rikonvenzjonali tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi michuda.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi
billi tilqa’ t-tieni talba attrici;
spejjez kwantu ghal 1/9 ghas-socjeta’ attrici u 8/9 ghas-socjeta’ konvenuta;
u tichad il-kontro-talba spejjez ghas-socejta’ konvenuta.

Bl-imghax legali kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------